MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 2596/2002

**Middle Sea Insurance Plc**
**Vs**
**Gino Zammit**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' kreditu kanonizzat fis-somma ta' elfejn, u disgha u erbghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,049.85) gja LM880 rapprezentanti rifuzjoni ta' somma mhallsa mis-socjeta' attrici fuq polza ta' assikurazzjoni (*travel insurance*) numru 14/00582 liema hlas gie ottenut mill-konvenut dolozament, b'qerq u frodi meta rraporta serq li qatt ma sehh u ukoll naqas li jizvela *claims* precedenti fuq polza jew poloz ta' assikurazjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Settembru, 2002 u bl-imghaxijiet skont il-ligi sad-data tal-

pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talba attrici fil-konfront ta’ l-eccipjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante, illi assolutament mhux minnu li l-konvenut akkwista l-ammont illum pretiz mis-socjeta’ attrici, lilu legalment dovut ai termini tal-polza tal-assikurazzjoni relattiva, dolozament, b’qerq jew bi frodi, kif allegat mill-istess socjeta’ attrici.

Ili l-konvenut jirribadixxi ghal darb’ ohra illi s-serqa *de quo* sehhet effettivament u giet debitament rapportata lill-awtoritajiet tat-Torok *a tempo vergine* u inoltre l-konvenut jirrespingi l-allegazzjoni gdida li huwa naqas milli jizvela xi *claims* precedenti u dan stante illi l-istess konvenut dejjem ta’ lis-socjeta’ attrici jew l-agenti taghha l-informazzjoni kolllha minnu mitluba *in buona fede*.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema’ u ra x-xhieda ta’ Patrick Muscat, Ivan Zahra, Adriana Zahra, John Galdes u Gino Zammit

Ra mill-atti tal-kawza li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi wara li l-konvenut baqa’ ma deherx ghal diversi seduti. It-Tribunal ra li kien kien ta’ tlett differimenti ghall-gheluq provi tal-konvenut u ghall-kontro-ezami tax-xhud ewlieni tas-socjeta’ attrici, izda minkejja li dan ix-xhud tela’ ghal tlett seduti l-kontro-ezami baqa ma sehhx. It-Tribunal ra li l-konvenut baqa’ ma deherx. Illi fis-seduta tad-19 ta’ Mejju, 2011, il-konvenut imsejjah tlett darbiet baqa’ ma deherx. Is-socjeta’ attrici strahet fuq il-provi li kien hemm u t-Tribunal ghalhekk iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Ra li fuq talba tal-partijiet din il-kawza giet sospiza fl-2002, billi l-mertu taghha kienet qieghda tigi trattata quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili u hija l-istess fil-kawza odjerna.

Illi l-mertu fil-kawza quddiem dan it-Tribunal huwa l-allegat *claim* falz maghmul mill-konvenut sabiex jottjeni s-somma ta' tmien mija u tmenin liri Maltin (LM880) wara zjara fit-Turkija u n-nuqqas ta' zvelar ta' *claims* precedenti meta l-konvenut xtara *travel insurance policy* mis-socjeta' attrici.

Illi din il-kawza giet deciza mill-Onorabbli Qorti Civili tal-Prim' Awla nhar il-5 ta' Lulju, 2007. Illi fit-2 ta' Dicembru, 2009 il-Qorti tal-Appell (citazzjoni numru 233/02/1) rat li l-appellant ma ddepozitax il-kawtela u ghalhekk konsegwentement l-appell gie dikjarat dezert. Il-kawza hawn citata, hija fl-ismijiet 'Ivan u Adriana konjugi Zahra vs Gino Zammit'. Illi l-konvenut f'din il-kawza gie ordnat jirrifondi lill-atturi s-somma ta' ghaxar t'elef Liri Maltin (LM10,000). Illi parti mis-somma mitluba mill-atturi kien hemm ukoll inkluz, is-somma ta' LM880 ghal *claim* li l-atturi kienu ghamlu ma' kumpannija ta' l-assikurazzjoni u liema somma kienet qed tifforma parti minn investigazzjoni ta' frodi mill-Pulizija dwar *claims* foloz mal-kumpanija assikurattiva. L-atturi f'dan il-kaz mhux biss kienu hallsu lill-konvenut LM10,000 sabiex huwa jhallas lil terzi sabiex l-investigazzjoni ta' frodi jintemmu hesrem izda kienu ukoll hallsu lura s-somma ta' LM880 lis-socjeta' attrici li Zahra kien ammetta li kien irceva mis-socjeta' assikurattiva tieghu, s-socjeta' attrici fil-kawza odjerna bi frodi u qerq. Irrizulta li Zahra kien irrifonda l-ammont spontanjament wara li kien ghamel *claim* inveritjer u l-*claim* giet irtirata. Gie allegat minn Zahra li l-frodi ta' LM10,000 ta' dak iz-zmien, gie miksub mill-konvenut bl-ingann u bil-qerq a dannu tal-atturi sabiex huwa jhallas lil terzi sabiex il-kaz ma jibqax jigi investigat. Illi parti mill-LM10,000 kien hemm inkluz is-somma ta' LM880, li huwa ammont ta' *claim* li kienu ghamlu kemm Zahra kif ukoll Gatt separatament u individwalment mas-socjeta' attrici, wara zjara fit-Turkija. It-Tribunal jirrileva li din il-*claim* maghmula taht *Travel Insurance Policy* kienet saret kemm minn Zahra kif ukoll minn Zammit li kienu msiefrin flimkien it-Turkija. Intqal minn Zahra li huma ftehmu li jressqu rapport falz sabiex jaqilghu l-flus minn tali rapport u li s-socjeta' attrici kellha tirrfondilhom meta jigu lura. Irrizulta li hekk sehh u l-partijiet kienu ghamlu *claim* ta' LM880, ta' dak iz-zmien, kull wiehed, ekwivalenti ghall-allegata

somma misruqa u rappurtata lill-awtoritajiet Torok. Sussegwentement gie stabbilit mill-Qorti Civili tal-Prim’Awla li wara safra ohra l-partijiet ftehmu li jaghmlu *claim* ohra mas-socjeta’ assikurattiva ohra fuq bagalji mitlufa izda din is-socjeta’ kienet irrifjutat thallas dan il-*claim* Illi wara dan il-*claim*, is-socjetajiet assikurattivi bejniethom saru jafu li kien hemm serje ta’ *claims* li sehhew konsistentement mill-konvenut u Zahra. Illi wara dan l-incident, is-socjeta’ Middle Sea Insurance plc kitbet lill-partijiet Zahra u Zammit, sabiex jirrifondu s-somma ta’ LM880 kull wiehed li hija kienet hallsithom, li skont din is-socjeta’ huma kienu ircevew b’qerq. Il-Qorti f’dan il-kaz irretiniet billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Gino Zammit u ordnat li jirrifondi lill-konjugi Zahra is-somma legali mit-18 ta’ Ottubru, 2001 sall-pagament effettiv. Dan il-kaz illum huwa *res judicata*.

Illi kif diga ntqal, fil-kaz odjern il-kawza giet sospiza billi l-mertu kien l-istess wiehed fiz-zewg kazijiet. Illi l-mertu fil-kawza quddiem dan it-Tribunal huwa l-allegat *claim* falz maghmul mill-konvenut sabiex jottjeni s-somma ta’ LM880 wara zjara fit-Turkija.

It-Tribunal sema’ lill-Patrick Muscat, Chief Officer Claims Department mas-socjeta’ attrici, jixhed illi f’Jannar, 2001 kienet saret *travel insurance claim* minn Gino Zammit fejn qal illi waqt zjara go Istanbul huwa gie misruq oggetti fis-somma ta’ LM880 ta’ dak iz-zmien, illum €2,049.85. Irrizulta li l-istess klijent kien ghamel *claims* fuq *travel insurance policies* ohra precedentement ma’ socjetajiet assikurattivi ohra bhalma huma Citaldel Insurance PLC. Irrizulta li siehbu li kien siefer mieghu, Ivan Zahra (attur fil-kawza l-ohra hawn fuq imsemmija) kien ghamel *claims* identici. Irrizulta li l-klijent mhux biss ottjena hlas b’qerq izda ma kienx osserva t-termini tal-*proposal form* u ma kienx iddikjara fatti materjali dwar *past claims* meta kien talab li jigi assikurat taht *travel policy*. Tali taghrif jista’ jaffetwa l-accettazzjoni tar-riskju mis-socjeta’assikurattiva. Intqal minn dan ix-xhud illi Ivan Zahra li kien ghamel l-istess *claim* flimkien ma’ Zammit, kien irrifonda dan l-istess ammont wara li kien gie avvicinat mis-socjeta attrici

u Zahra spontanjament hallas lura dan l-ammont, izda l-konvenut baqa' jsostni li ma jhallasx.

It-Tribunal ra li l-konvenut qatt ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal ghalkemm kien jidher l-avukat difensur tieghu. It-Tribunal ra l-provi tal-konvenut li rrzultaw fil-kawza fl-ismijiet '*Ivan Zahra et vs Gino Zammit'* hawn fuq imsemmija, u li huma x-xhieda li ghandhom x'jaqsmu mall-kawza odjerna u li gew allegati mall-atti ta' din il-kawza fuq talba tal-avukat difensur tas-socjeta' attrici. It-Tribunal ra biss ix-xhieda elenkati mis-socjeta' attrici in atti.

It-Tribunal ra li l-konvenut baqa' jsostni li l-*claim* li huwa kien ghamel ghal LM880 kienet wara serqa go Istanbul f'Jannar, 2001. Din is-serqa kienet allegatament sehhet fil-presenza ta' Ivan Zahra. Illi skont il-konvenut, ma kien hemm ebda kaz ta' frodi ta' LM880 ghaliex is-serqa kienet fil-fatt sehhet. Illi baqa' jigi sostnut minnu, li l-allegazzjoni maghmula mis-socjeta' attrici fit-talba tirreferi wkoll ghal '*non disclosure of facts* fil-*proposal form'*. Illi skont is-socjeta' attrici, Gino Zammit ma kienx nizzel il-'*claims'* li kienu saru minnu qabel ma' socjetajiet assikurattivi ohra kif kellu jaghmel skont il-'*proposal form'*. Irrizulta lit-Tribunal, li s-socjeta' attrici qatt ma hadet passi kriminali kontra l-konvenut u huwa qatt ma tressaq taht akkuza quddiem Qorti ta' Gurisdizzjoni Krminali. Illi s-socjeta' attrici bbazat l-allegazzjonijiet kollha fil-kawza odjerna, wara l-investigazzjonijiet maghmula minnha internament u wara li kienet rat li Zahra kien rrifonda l-flus lura fis-somma ta' LM880, li s-socjeta' attrici kienet hallsitu wara l-'*claim'* li huwa kien ghamel wara zjara go Istanbul fil-kumpanija tal-istess Gino Zammit li kien ukoll ghamel l-istess '*claim'.* Is-socjeta' attrici fethet din il-kawza kontra l-konvenut fl-2002 u s-sentenza fl-ismijiet '*Ivan Zahra et vs Gino Zammit'* inqatghet mill-Qorti tal-Appell fl-2009.

It-Tribunal ra li Zahra kien irrifonda l-flus lura lis-socjeta' Middle Sea Insurance plc ghaliex kien qal illi l-*claim* tas-serqa go Istanbul kienet montatura taghhom sabiex huma jaghmlu l-qliegh. Zahra mill-ewwel ammetta li l-'*claim'* kienet wahda falza u ghazel li jghid il-verita' wara li huwa

flimkien ma' siehbu Gino Zammit, ghamlu '*travel claims'* foloz f'ammonti identici mas-socjeta' attrici. Kienet is-socjeta' Gasan Mamo Insurance li ntebhet bil-'*claims'* ripetuti u gabet dan il-fatt a konjizzjoni ta' socjetajiet ohra assikurattivi. Filwaqt illi Zahra kien hass illi huwa kellu jirrifondi l-flus, il-konvenut baqa' jsostni li ma kellux jirrifondi l-flus lura lejn is-socjeta' attrici ghaliex baqa' jsostni li s-serqa saret. It-Tribunal, wara li sema' u evalwa l-provi kollha li ngabu quddiemu partikolarment 'Dok NABG', a fol.61, huwa konvint illi l-verzjoni tal-konvenut ftit li xejn hija veritjiera. Illi jekk wiehed jara x-xhieda ta' Zammit u Zahra fil-kawza fl-ismijiet '*Ivan Zahra et vs Gino Zammit'*, il-verzjoni ta' Zahra *ex post facto* l-allegata '*hold up'* go Istanbul hija hafna iktar kredibbli mill-verzjoni tal-konvenut minkejja li l-verzjoni tal-konvenut baqghet konsistentement inveritjiera sa mill-bidu. Illi l-fatt illi Zahra hass illi kellu jizvela kollox dwar il-'*claims'* foloz mis-socjeta' attrici, kif fil-fatt ghamel jindika li Zahra ma riedx igorr dan il-piz tul hajtu w t-Tribunal m'ghandux ghalfejn ma jemminx lil Zahra u mhux lil Zammit.

Illi rigward l-allegazzjoni fit-talba odjerna b'riferiment ghal '*disclosure of relevant facts'* it-Tribunal ra li l-konvenut ma gab ebda prova in sostenn ta' l-allegazzjoni maghmula minnu fir-risposta dwar din il-parti tat-talba u ghalhekk it-Tribunal ha jistrieh fuq il-provi prodotti quddiemu.

Illi t-Tribunal ra li parti mit-talba tas-socjeta' attrici tinkludi ukoll l-allegazzjoni dwar il- '*non disclosure of material facts'* li ghandu jinfluwixxi r-riskju li tkun ser tiehu s-socjeta' assikurattiva. Illi dan tal-ahhar kien iffisser illi jekk kemm-il darba kien hemm '*claims'* ohra maghmula mill-konvenut fil-passat, dawn kellhom ikunu nfurmati lill-assikuraturi. Illi Zammit kien ghamel zewg '*travel claims'* ohra precedentement ma' socjetajiet differenti fi zmien inqas minn sena, li ma kienx gew imsemmija lis-socjeta' attrici fil-'*proposal form'*. It-Tribunal huwa tal-fehma li dan huwa nuqqas serju da parti tal-konvenut, partikolarment meta huwa f'sena wahda irrizulta li ghamel erba' '*travel claims'* separati.

Illi t-Tribunal huwa konvint illi meta Zahra stqarr mas-socjeta' attrici li l-'*hold up'* kienet montatura w irrifonda l-flus imhallsa lilu mis-socjeta' attrici, huwa kien qed jghid il-verita'. Zahra ddecieda li jghid il-verita' u l-verita' kienet li anke Zammit kien parti minn din il-montatura. It-Tribunal in konkluzjoni m'ghandu ebda dubju li l-*claim* ta' LM880 ta' dak iz-mien, ghas-serqa gewwa Istanbul kienet falza u li Zammit naqas meta ma ammettiex illi s-serqa go Istanbul kienet montatura.

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, t-Tribunal ra li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal filwaqt illi l-konvenut naqas milli jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundannah ihallas fis-somma ta' elfejn u disgha w erbghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,049.85) lis-socjeta' attrici bl-ispejjez tal-ittra ufficjali u l-interessi mill-1 ta' Frar 2001, sall-pagament effettiv.

Spejjez ta' din l-istanza sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------